

22001D0106

6.12.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 322/13

ID-DECİŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 106/2001****tat-28 ta' Settembru 2001**

**li temenda l-Annes II (Ir-regolamenti tekniċi, l-istandards, it-testijiet u ċ-ċertifikazzjoni) mal-Ftehim
dwar iż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 64/2001 tad-19 ta' Ġunju 2001 (¹).
- (2) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/39/KE tad-19 ta' Diċembru 1996 li temenda d-Direttiva 94/35/KE dwar l-oġġetti li jagħtu l-ħlewwa fl-oġġetti ta' l-ikel (²), kif ikkorreġuta mill-ĠU L 104 ta' l-22.4.1997, s. 39, trid tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/39/KE tad-19 ta' Diċembru 1996 li temenda d-Direttiva 94/2/KE dwar l-oġġetti li jagħtu l-ħlewwa fl-oġġetti ta' l-ikel (³), kif ikkorreġuta mill-ĠU L 104. ta' l-24.4.1997, p. 39, trid tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (4) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 98/72/KE tal-15 ta' Ottubru 1998 li temenda d-Direttiva 95/2/KE dwar l-additivi għajr il-kuluri u l-oġġetti li jagħtu l-ħlewwa (⁴), kif ikkorreġuta mill-ĠU L 307, tas-17.11.1998, p. 30, trid tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 54z (id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/35/KE) fil-Kapitolu XII ta' l-Anness II mal-Ftehim:

"kif emendata bi:

- **396 L 0083:** Id-Direttiva 96/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996 (ĠU L 48, tad-19.2.1997, p. 16), kif ikkorreġuta bil-ĠU L 104, tat-21.4.1997, p. 39."

Artikolu 2

Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 54zb (id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 95/2/KE) fil-Kapitolu XII ta' l-Anness II mal-Ftehim:

"kif emendata bi:

- **396 L 0085:** id-Direttiva 96/85/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996 (ĠU L 86, tat-28.2.1997, p. 4).
- **398 L 0072:** Id-Direttiva 98/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 1998 (ĠU L 295, ta' l-4.11.1998, p. 18), kif ikkorreġuta mill-ĠU L 307, tas-17.11.1998, p. 30."

(¹) ĠU L 238 tas-6.9.2001, p. 8.

(²) ĠU L 48 tad-19.2.1997, p. 16.

(³) ĠU L 86 tat-28.3.1997, p. 4.

(⁴) ĠU L 295 ta' l-4.11.1998, p. 18.

Artikolu 3

Għandhom ikunu awtentiċi t-testi tad-Direttivi tal-Parlament Ewropew 96/83/KE, kif ikkorreġuta mill-ĠU C 104, tat-22.4.1997, p. 39, 96/85/KE u 98/72/KE, kif ikkorreġuti mill-ĠU L 307 tas-17.11.1998, p. 30, fl-ilsien Islandiż u l-ilsien Norveġiż, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment għaż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-27 ta' Ottubru 2001, sakemm in-notifikasi kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ġew magħmula lill-Kumitat Kongħunt għaż-ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tīgħi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u fis-Suppliment għaż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Settembru 2001.

Għall-Kumitat Kongħunt għaż-ŻEE

Il-President

E. BULL

(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.